TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 533/09

**Margaret Curmi**

**vs**

**Emanuel Spiteri u John Zammit – Aluminium Works**

Illum 4 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Diċembru, 2009 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmien mija u ħmistax-il ewro (€815), rapprezentanti difett fil-bieb tal-aluminium billi kien qiegħed joħroġlu t-tbajja.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimati li huma l-istess intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat bieb tal-aluminium u li kienet qiegħda tallega li kienu qed joħorġu t-tbajja fuq il-bieb u li kien riżultat tal-aluminium jew spray difettuż.

L-intimati ssottomettew illi dak kien tort ta' xi polish li kienet qiegħda tagħmel ir-rikorrenti.

Minħabba n-natura teknika, t-Tribunal qabbad espert li huwa Maurizio Fenech, Laboratory Manager, fl-Universita' ta' Malta, fejn fir-rapport tiegħu ikkonkluda ampjament illi d-difetti nħarġu minħabba xi likwidu li ġie applikat fuq l-aluminium.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota li r-rapport huwa tekniku u qed jaqbel mal-konklużjoni tiegħu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati mill-istess rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u wara li ra r-rapport tal-espert tekniku, jikkonkludi illi jista' jkun li hemm diversi nuqqasijiet, illi għaldaqstant is-soċjeta' intimata għandha tikkonsenja l-għamara kollha tajba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, inkluż l-ispejjeż tar-rapport tal-espert tekniku.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**